C/2023/611

31.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Mejju 2022

dwar il-funzjonijiet preċiżi li jikkwalifikaw bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea

(C/2023/611)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20a(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 20a(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea għandha l-obbligu li tikkompila u żżomm aġġornata lista tal-funzjonijiet preċiżi li jikkwalifikaw bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti fil-livell ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jiddefinixxi persuna esposta politikament bħala persuna li hi jew li kienet fdata b'funzjoni pubblika prominenti u jinkludi wkoll lista ta' funzjonijiet meqjusa bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti. Madankollu, l-Artikolu 3(9) ta' dik id-Direttiva ma jagħmel l-ebda referenza għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fil-kuntest ta' funzjonijiet pubbliċi prominenti. Il-funzjonijiet meqjusa bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti fil-livell tal-istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni jenħtieġ għalhekk li jkunu bbażati fuq valutazzjoni b'analoġija mal-funzjonijiet eżerċitati fi Stat Membru u inklużi fl-Artikolu 3(9), il-punti (a) sa (g), ta' dik id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi istituzzjonali speċifiċi tal-Unjoni.

(3) L-Artikolu 3(9), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-kapijiet ta' Stat, il-kapijiet ta' gvern, Ministri u viċi Ministri jew segretarji parlamentari huma kkunsidrati bħala persuni esposti politikament. B'analoġija, il-Membri tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni, li għandhom responsabbiltà politika u huma politikament rendikontabbli lill-Parlament Ewropew, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti. F'dak il-kuntest, il-President tal-Kunsill Ewropew u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ([2]) jenħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti.

(4) L-Artikolu 3(9), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-membri parlamentari jew ta' korpi leġiżlattivi simili huma kkunsidrati bħala persuni esposti politikament. B'analoġija ma' dawk il-funzjonijiet eżerċitati fi Stat Membru, il-Membri tal-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti.

(5) L-Artikolu 3(9), il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-membri tal-qrati supremi, tal-qrati kostituzzjonali jew ta' korpi ġudizzjarji oħra ta' livell għoli li d-deċiżjonijiet tagħhom mhumiex soġġetti għal appell ulterjuri, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, huma kkunsidrati bħala persuni esposti politikament. B'analoġija ma' dawk il-funzjonijiet eżerċitati fi Stat Membru, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti.

([1]) ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

([2]) Il-funzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea hija prevista mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u assimilata mal-funzjoni tal-Membri tal-istituzzjonijiet.

(6) L-Artikolu 3(9), il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-membri tal-qrati tal-awdituri jew tal-bordijiet tal-banek ċentrali huma kkunsidrati bħala persuni esposti politikament. B'analoġija ma' dawk il-funzjonijiet eżerċitati fi Stat Membru, fil-Bank Ċentrali Ewropew, il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv, il-Membri tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali, kif ukoll il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Superviżorju jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti. Il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li huma Membri tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, u l-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra li huma Membri tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew huma inklużi fil-listi ta' funzjonijiet pubbliċi prominenti fil-livell nazzjonali. Tali inklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-istatus u l-indipendenza tagħhom meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-kompiti u d-doveri mogħtija lilhom mit-Trattati u mill-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak l-Istatut. Il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jenħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti.

(7) L-Artikolu 3(9), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-ambaxxaturi, chargés d'affaires u uffiċjali ta' grad għoli fil-forzi armati huma kkunsidrati bħala persuni esposti politikament. B'analoġija ma' dawk il-funzjonijiet eżerċitati fi Stat Membru, fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew tal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Unjoni f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 221 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri, li jkollhom il-grad diplomatiku ta' ambaxxatur jew "chargé d'affaires") jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti. L-Artikolu 20a(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jipprevedi li l-lista kkompilata mill-Kummissjoni tinkludi kwalunkwe funzjoni li tista' tiġi fdata lir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi u ta' korpi internazzjonali akkreditati fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kapijiet ta' Missjoni f'pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali akkreditati mal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala inkarigati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-funzjonijiet segwenti jikkwalifikaw bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni:

(1) il-funzjonijiet ta' President tal-Kunsill Ewropew u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

(2) il-funzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew;

(3) il-funzjonijiet tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea;

(4) il-funzjonijiet tal-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja;

(5) fil-Bank Ċentrali Ewropew, il-funzjonijiet ta':

(a) il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv;

(b) il-Membri tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali;

(c) il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Superviżorju;

(6) il-funzjonijiet tal-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

(7) fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-funzjonijiet ta':

(a) il-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew tal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Unjoni f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 221 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(b) il-Kapijiet ta' Missjoni f'pajjiżi terzi u ta' istituzzjonijiet internazzjonali akkreditati mal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Mairead MCGUINNESS
Membru tal-Kummissjoni